

Brussell, 13 ta' Mejju 2026  
(OR. en)

9131/1/26  
REV 1

JEUN 74  
EDUC 156  
SOC 252  
EMPL 112  
SAN 291  
SUSTDEV 38

## EŻITU TAL-PROCĊEDIMENTI

---

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

---

Suġġett: Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar l-eżiti tal-11-il ċiklu tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż ir-riżoluzzjoni msemmija hawn fuq, approvata mill-Kunsill (Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Kultura u Sport) fil-laqgħa tiegħu tal-11 ta' Mejju 2026.

**Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar l-eżiti tal-11-il ċiklu tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA U R-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJET TAL-ISTATI MEMBRI MLAQQGĦIN FIL-KUNSILL,

FILWAQT LI JFAKKRU LI:

1. Ir-Riżoluzzjoni dwar l-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ 2019-2027<sup>1</sup>, inkluż l-Anness 1 (id-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ) u l-Anness 3 (l-Għanijiet Ewropej dwar iż-Żgħażaġħ), tippromwovi l-parteċipazzjoni msaħħa taż-żgħażaġh fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet u tissottolinja l-importanza tal-involvement ta' żgħażaġh minn kuntesti differenti.
2. Ir-Riżoluzzjoni, li tirrieżamina l-linji gwida dwar il-governanza tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ (EUYD)<sup>2</sup>, tippromwovi proċess aktar ċar u sempliċi abbażi tal-esperjenzi passati, b'attenzjoni speċjali mogħtija lil prijorità tematika waħda kull ċiklu u b'kont meħud tal-eżiti ta' ċikli ta' ħidma preċedenti tal-EUYD.

---

<sup>1</sup> Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar qafas għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażaġh: L-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għaż-Żgħażaġħ 2019-2027 (ĠU C 456, 18.12.2018).

<sup>2</sup> Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill li tirrieżamina l-linji gwida dwar il-governanza tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ (ĠU C, C/2025/3130, 2.6.2025).

3. Il-Kunsill u l-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill jenfasizzaw ir-rwol importanti tal-Gruppi ta' Ħidma Nazzjonali (NWGs), il-kunsilli nazzjonali taż-żgħażaġħ, l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġħ, l-organizzazzjonijiet tal-ħidma fost iż-żgħażaġħ, u l-organizzazzjonijiet internazzjonali mhux governattivi taż-żgħażaġħ (INGYOs), kif ukoll l-awtoritajiet nazzjonali u Erasmus+ u l-aġenziji nazzjonali tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, fil-mobilizzazzjoni taż-żgħażaġħ u fl-appoġġ li jagħtuhom, kif deher matul is-Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ 2022<sup>3</sup> u fis-sħubija kontinwa fil-governanza tal-proċessi tal-EUYD fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u dak Ewropew.
4. Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar l-eżiti tal-10 ċiklu tal-EUYD<sup>4</sup> tistieden lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri jsaħħu u jtejbu l-proċess billi jibnu fuq l-aħjar prattiki, jiżguraw il-kontinwità bejn iċ-ċikli, il-komunikazzjoni adattata għaż-żgħażaġħ, u jrawmu t-trasparenza u l-feedback regolari lill-parteċipanti permezz ta' koordinazzjoni aktar mill-qrib fit-Triju ta' Presidenzi.
5. Il-Konferenzi tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ iservu ta' stadji importanti f'kull ċiklu, billi fihom tkun tista' ssir interazzjoni sinifikattiva bejn dawk li jfasslu l-politika, dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet u ż-żgħażaġħ minn madwar l-Ewropa, u dan jippermetti analiżi u skambju ta' fehmiet dwar l-oqsma tematiċi taċ-ċiklu u s-sejbiet emerġenti, u l-ħolqien flimkien ta' prijoritajiet rilevanti, kif ukoll rakkomandazzjonijiet li jsaħħu l-impatt tal-EUYD.

---

<sup>3</sup> Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill dwar il-legat tas-Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ 2022 (ĠU C, C/2024/3543, 31.5.2024).

<sup>4</sup> Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar l-eżiti tal-għaxar ċiklu tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ (ĠU C, C/2024/7402, 10.12.2024).

#### JIEĦDU NOTA LI:

6. L-għan ta' din ir-Riżoluzzjoni huwa li tenfasizza u tappoġġa s-segwitu effettiv tal-eżiti tal-11-il ċiklu tal-EUYD mill-atturi rilevanti kollha fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u dak Ewropew. Għandha wkoll l-għan li ssaħħaħ il-kwalità, il-kontinwità u l-viżibbiltà tal-proċess tal-EUYD u r-riżultati tiegħu, filwaqt li trawwem aktar trasparenza, involviment taż-żgħażaġħ, taġħlim reċiproku u skambji ta' esperjenzi u l-aħjar Prattiki, waqt li tibni fuq il-ħidma u l-kisbiet tal-11-il ċiklu u taċ-ċikli preċedenti.
7. Il-11-il ċiklu tal-EUYD tmexxa mit-Triju ta' Presidenzi tal-Polonja, id-Danimarka u Ċipru u ffoka fuq l-Għan Ewropew dwar iż-Żgħażaġħ Nru #1 "Il-Kollegament tal-UE maż-Żgħażaġħ", fejn il-mira hi li jitrawwem is-sens ta' appartenenza taż-żgħażaġħ għall-proġett Ewropew u li jinbena pont bejn l-UE u ż-żgħażaġħ sabiex tissaħħaħ il-fiduċja tagħhom fl-istituzzjonijiet tal-UE u tiżdied il-parteċipazzjoni taż-żgħażaġħ.
8. Il-11-il ċiklu tal-EUYD tmexxa bil-kooperazzjoni bejn it-tliet Stati Membri li kellhom il-Prezidenza tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, il-kunsilli nazzjonali taż-żgħażaġħ rispettivi tagħhom, il-Kummissjoni Ewropea, u l-Forum Ewropew taż-Żgħażaġħ, permezz tal-Grupp ta' Tmexxija Ewropew kif previst fil-linji gwida dwar il-governanza tal-EUYD.

#### JAGĦRFU LI:

9. Minħabba l-isfidi ġeopolitiċi u soċjetali attwali, fosthom it-tibdil demografiku, iż-żieda fid-diżinformazzjoni u l-polarizzazzjoni, u l-erożjoni tal-fiduċja fid-demokrazija, huwa kruċjali li tissaħħaħ ir-rabta bejn iż-żgħażaġħ u l-Unjoni Ewropea u l-istituzzjonijiet tagħha, billi b'mod attiv titrawwem il-parteċipazzjoni taż-żgħażaġħ u jiġu promossi l-valuri demokratiċi komuni bħala parti mill-valuri tal-Unjoni, skont l-Artikolu 2 TUE u d-drittijiet fundamentali tal-UE mnaqqxa fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

10. L-Għan Ewropew dwar iż-Żgħażaġħ Nru #1 "Il-Kollegament tal-UE maż-Żgħażaġħ" huwa li jiġi żgurat li ż-żgħażaġh ikunu involuti, rappreżentati, parteċipattivi u b'pożizzjoni msaħħa bħala ċittadini attivi f'Ewropa reżiljenti, demokratika u magħquda.

JIRRIKONOXXU LI:

11. L-EUYD huwa mekkaniżmu komprensiv għall-ħolqien ta' spazji u opportunitajiet inklużivi u sikuri għall-iskambju ta' fehmiet, li jagħti leħen aktar b'saħħtu liż-żgħażaġh kollha, anke lil dawk b'anqas opportunitajiet, u jiżgura li jkunu jistgħu jieħdu sehem fit-tiswir tal-preżent u l-futur tal-Unjoni Ewropea. Spazji inklużivi u sikuri bħal dawn jistgħu jinħolqu, pereżempju, permezz ta' ċentri taż-żgħażaġh, organizzazzjonijiet mhux governattivi taż-żgħażaġh, ħidma ta' sensibilizzazzjoni fost iż-żgħażaġh u approċċi bbażati fil-komunità.
12. L-EUYD jippermetti djalogu dirett, sinifikattiv u rispettuż bejn iż-żgħażaġh, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, ir-riċerkaturi u dawk li jieħdu d-deċizzjonijiet fil-livelli kollha, kif ukoll l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet Ewropej.
13. L-istabbiliment tas-segretarjat tal-EUYD fil-Forum Ewropew taż-Żgħażaġħ, li għandu jkun operazzjonali fil-bidu tat-12-il ċiklu, flimkien mal-proċedura l-ġdida ta' integrazzjoni għall-presidenzi futuri, huwa kruċjali għat-tisħiħ tal-memorja istituzzjonali u biex jiġu żgurati l-kontinwità u l-effikaċja tal-EUYD. Huwa essenzjali li dawn l-inizjattivi, li jappoġġaw il-kontinwità u t-trasferiment tal-għarfien fost il-partijiet ikkonċernati tad-EUYD, jinżammu u jissaħħu maż-żmien.

14. Il-konsultazzjonijiet imwettqa mill-NWGs fil-11-il ċiklu tal-EUYD involvew kważi 40 000 żaġżuġ u żaġżuġha minn madwar l-Unjoni Ewropea, kif ukoll minn pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali<sup>5</sup>. L-NWGs użaw firxa wiesgħa ta' metodi ta' konsultazzjoni, bħal gruppi fokali, workshops, u avvenimenti ta' djalogu maż-żgħażaġh, kemm f'format online kif ukoll bi preżenza fiżika, kif ukoll mekkaniżmi u għodod nazzjonali. Il-proċess laħaq għadd sinifikanti ta' parteċipanti ġodda, b'aktar minn 90 % minnhom involuti fl-EUYD għall-ewwel darba, turija tal-ilħuq sinifikattiv tal-konsultazzjonijiet. Filwaqt li dan il-progress għandu jkun rikonoxxut, importanti li jkomplu l-isforzi li qed isiru bil-mira li jżidu l-parteeipazzjoni ġenerali u jrawmu aktar involviment miż-żgħażaġh u mill-partijiet ikkonċernati marbuta maż-żgħażaġh.

#### JILQGĦU:

15. L-eżiti tal-Konferenzi tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ li saru matul il-Presidenzi tat-Triju Polonja-Danimarka-Ċipru, biex bihom jinbena l-11-il ċiklu tal-EUYD skont l-Għan Ewropew dwar iż-Żgħażaġħ Nru #1 "Il-Kollegament tal-UE maż-Żgħażaġħ".
16. L-inizjattivi nazzjonali mmirati lejn l-implimentazzjoni u l-promozzjoni tal-integrazzjoni taż-żgħażaġh fil-politiki pubbliċi, waqt li jirrikonoxxu li approċċ transettoralji huwa essenzjali biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet u l-aspirazzjonijiet differenti ta' żgħażaġh minn diversi kuntesti, kemm jekk fi gruppi organizzati kif ukoll jekk individwalment.
17. L-implimentazzjoni tar-Riżoluzzjoni li tirrieżamina l-linji gwida dwar il-governanza tal-EUYD, li tagħti gwida lill-atturi involuti, tiddefinixxi r-rwoli u r-responsabbiltajiet tagħhom fil-livelli kollha u tikkjarifika l-kuntest li fih jitwettqu l-attivitajiet tagħhom. Dan jikkontribwixxi għal segwitu, disseminazzjoni u viżibbiltà sistematiċi mtejba tal-eżiti tal-EUYD fil-livelli rilevanti kollha u jsaħħaħ l-inklużività, it-trasparenza u l-effettività tal-proċess.

---

<sup>5</sup> Moxon D., Bárta O. (2025). EUYD11 Results of the Consultation Phase: Connecting the EU with Youth. DOI: 10.5281/zenodo.16911319.

18. Ir-4 Konvenzjoni Ewropea dwar il-Ħidma fost iż-Żgħażaġħ<sup>6</sup> ospitata f'Mejju 2025 mill-Gvern ta' Malta – l-Aġenzija Żgħażaġħ (l-aġenzija nazzjonali ta' Malta għaż-żgħażaġh) – u l-Aġenzija għall-Programmi tal-Unjoni Ewropea (EUPA) għal Malta, flimkien mas-Sħubija taż-Żgħażaġħ UE-Kunsill tal-Ewropa, poġġew enfasi partikolari fuq it-tiżiħ tal-importanza strateġika tal-ħidma fost iż-żgħażaġh fl-Ewropa. Il-Konvenzjoni rriżultat f'rapport bi pjan direzzjonali u miegħu skeda ta' żmien li wera kif il-konklużjonijiet tal-Konvenzjoni jistgħu jinfurmaw, jirfdu u jidhru fil-politiki u l-istrateġiji Ewropej u dawk nazzjonali dwar iż-żgħażaġh fis-snin li ġejjin.<sup>7</sup>

#### JIRRIKONOXXU L-INIZJATTIVI TAL-KUMMISSJONI:

19. L-istabbiliment tal-Bord Konsultattiv taż-Żgħażaġħ għall-President tal-Kummissjoni Ewropea<sup>8</sup> biex jappoġġa d-djalogu bejn ir-rappreżentanti taż-żgħażaġh u l-ogħla livell politiku fl-UE, waqt li joħloq aktar opportunitajiet għal parteċipazzjoni sinifikattiva taż-żgħażaġh fil-proċessi tal-Unjoni għat-teħid tad-deċiżjonijiet f'sinerġija mad-diversi inizjattivi politiċi tal-Unjoni bħall-EUYD.
20. It-tkomplija u l-iżvilupp ulterjuri tad-Djalogi ta' Politika taż-Żgħażaġħ<sup>9</sup> mal-Kummissarji, bħala bidu għall-ħolqien ta' pjattaforma siewja għal skambji diretti bejn iż-żgħażaġh u dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fl-UE u bħala forum li jrawwem il-fehim reċiproku, it-trasparenza u l-fiduċja f'oqsma politiċi differenti.

---

<sup>6</sup> <https://pjp-eu.coe.int/en/web/youth-partnership/4th-european-youth-work-convention->

<sup>7</sup> <https://pjp-eu.coe.int/documents/42128013/266254265/4th+European+Youth+Work+Convention+%E2%80%93+Final+Report.pdf/474159ed-327c-e112-9c3b-e0f7daeb83f7?t=1774343543182>

<sup>8</sup> Il-Bord Konsultattiv taż-Żgħażaġħ għall-President – Portal Ewropew taż-Żgħażaġħ  
[https://youth.europa.eu/strategy/pyab\\_mt](https://youth.europa.eu/strategy/pyab_mt).

<sup>9</sup> Id-Djalogi ta' Politika maż-Żgħażaġħ - Portal Ewropew taż-Żgħażaġħ -  
[https://youth.europa.eu/youth-policy/dialogues\\_mt](https://youth.europa.eu/youth-policy/dialogues_mt).

21. L-istabbiliment u t-tlaqqiġh regolari tal-Grupp tal-Partijiet Ikkonċernati tal-UE fil-Qasam taż-Żgħażaġħ<sup>10</sup>, li jlaqqa' flimkien organizzazzjonijiet Ewropej ewlenin fil-qasam taż-żgħażaġh, awtoritajiet nazzjonali, istituzzjonijiet u networks biex jappoġġa l-implimentazzjoni tal-Istrateġija għaż-Żgħażaġħ tal-UE. Dan il-forum jipprovdi spazju għall-koordinazzjoni, l-iskambju ta' għarfien espert u feedback dwar il-politika, u b'hekk isaħħaħ ir-rabta bejn it-tfassil tal-politika fil-livell tal-UE fir-rigward taż-żgħażaġh u r-realtajiet taż-żgħażaġh fil-prattika.

#### JIEĦDU NOTA TA':

22. It-tema ta' prijorità tat-Triju ta' Presidenzi li jmiss (l-Irlanda, il-Litwanja u l-Greċja) li hija bbażata fuq l-Għan Ewropew dwar iż-Żgħażaġħ Nru #4 "Tagħrif u djalogu kostruttiv".

#### FILWAQT LI JQISU L-EŻITI TAL-KONFERENZI TAL-UE DWAR IŻ-ŻGĦAŻAĠH:

23. L-eżiti tal-Konferenza tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ f'Lublin<sup>11</sup>, fejn iż-żgħażaġh enfasizzaw il-ħtieġa li tiżdied it-tama taż-żgħażaġh f'futur demokratiku u sikur billi tiżdied il-fiduċja tagħhom fl-istituzzjonijiet demokratiċi fil-livelli kollha, u jiżdiedu wkoll ir-reżiljenza tagħhom u l-kontribut li jagħtu għall-konsolidazzjoni tal-paċi, biex jiġu evitati d-demotivazzjoni, id-diżimpenn u l-aljenazzjoni mill-politika.

24. L-eżiti tal-Konferenza tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ f'Copenhagen<sup>12</sup>, fejn iż-żgħażaġh ħadu sehem fi djalogu strutturat bejniethom u ma' dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet f'livell għoli, ħolqu medda ta' rakkomandazzjonijiet għall-programm futur ta' Erasmus+ (2028-2034), u permezz ta' proċedura ta' votazzjoni għażlu r-rakkomandazzjonijiet finali rigward l-istruttura, l-obiettivi, is-sors il-ġdid ta' finanzjament, il-proċess tal-applikazzjoni u tar-rappurtar tal-programm, u dwar l-introduzzjoni ta' Erasmus+ Żgħażaġħ bħala taqsima distinta tal-programm.

---

<sup>10</sup> Il-Grupp tal-Partijiet Ikkonċernati tal-UE fil-Qasam taż-Żgħażaġħ - Portal Ewropew taż-Żgħażaġħ - [https://youth.europa.eu/strategy/euyouthstrategygroup\\_mt](https://youth.europa.eu/strategy/euyouthstrategygroup_mt).

<sup>11</sup> Bárta, O., Moxon D. (editors): Bielska, A., Pavlovych A. (2025). EUYD11 EU Youth Conference in Lublin, Poland. Conference Report. DOI 10.5281/zenodo.15118224.

<sup>12</sup> Bárta O., Moxon D. (2025). EUYD11 EU Youth Conference in Copenhagen, Denmark. Conference Report. DOI 10.5281/zenodo.17293004.

25. L-eżiti tal-Konferenza tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ<sup>13</sup> organizzata mill-Presidenza Ċiprijotta, fejn iż-żgħażaġh irriflettew dwar kif il-politiki tal-UE jistgħu jsiru aktar adatti għaż-żgħażaġh billi jindirizzaw effettivament il-ħtiġijiet tagħhom, billi jsaħħu l-parteċipazzjoni sinifikattiva taż-żgħażaġh fl-istadji kollha ta' ċiklu ta' politika u billi jtejbu s-segwitu mill-istituzzjonijiet tal-UE għar-rakkomandazzjonijiet ifformulati mill-Konferenzi tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ.
26. Ir-rakkomandazzjonijiet żviluppatti u mressqa miż-żgħażaġh fit-tliet konferenzi msemmija hawn fuq, kif jinsabu fl-Anness I ta' dan id-dokument.

#### JISTIEDNU LILL-ISTATI MEMBRI:

27. Iqisu l-eżiti tal-11-il ċiklu tal-EUYD fejn ir-riżultati tal-konsultazzjonijiet<sup>14</sup> indikaw li, fil-fehma taż-żgħażaġh, is-sens ta' appartenenza għall-UE u l-fiduċja fiha, kif ukoll l-appoġġ għall-valuri komuni tal-UE, jistgħu jinbnew billi tittejjeb l-edukazzjoni ċivika, speċjalment fl-iskejjel, dwar temi marbuta mal-Ewropa u l-UE, bħall-valuri tagħha u kif jaħdmu l-istituzzjonijiet tal-UE.
28. Jibqgħu jappoġġaw il-partijiet ikkonċernati tal-EUYD biex jissensibilizzaw u jinvolvu b'mod sinifikattiv liż-żgħażaġh minn żoni rurali, mir-reġjuni periferiċi, u minn kulturet soċjoekonomiku żvantaġġat, permezz ta' sensibilizzazzjoni mmirata u mekkaniżmi ta' appoġġ, fost l-oħrajn billi tiġi appoġġata l-parteċipazzjoni fil-livell lokali u reġjonali.
29. Jappoġġaw il-kontribut tal-EUYD fir-rieżami tal-Għanijiet Ewropej dwar iż-Żgħażaġħ, f'konformità mar-riżultati tal-11-il ċiklu ta' konsultazzjonijiet tal-EUYD.

---

<sup>13</sup> Moxon D., Bárta, O., (2026). EU Youth Conference in Nicosia, Cyprus & Online. Conference Report. DOI: 10.5281/zenodo.19188766.

<sup>14</sup> Moxon D., Bárta O. (2025). EUYD11 Results of the Consultation Phase: Connecting the EU with Youth. DOI: 10.5281/zenodo.16911319.

JISTIEDNU LILL-KUMMISSJONI U LILL-ISTATI MEMBRI, F'KONFORMITÀ MAL-  
PRINĊIPJU TAS-SUSSIDJARJETÀ U SKONT IL-KOMPETENZI RISPETTIVI TAGĦHOM:

30. Iqisu l-eżiti tal-11-il ċiklu tal-EUYD fejn ir-riżultati tal-konsultazzjonijiet<sup>15</sup> indikaw li, fil-fehma taż-żgħażaġh, is-sens ta' appartenenza għall-UE u l-fiduċja fiha, kif ukoll l-appoġġ għall-valuri komuni tal-UE, jistgħu jinbnew billi:
- i) Jissaħħu il-leħen u l-inflwenza demokratiċi taż-żgħażaġh fuq it-tfassil tal-politika;
  - ii) Jiġi żgurati li l-politiki ġodda fl-oqsma kollha jkunu adatti għaż-żgħażaġh bl-adozzjoni ta' riflessjoni fit-tul, orjentata lejn il-futur u billi jitqiesu l-fehmiet taż-żgħażaġh u l-impatt tal-politiki fuq iż-żgħażaġh u fuq il-ġenerazzjonijiet futuri.
31. Ikomplu jsaħħu l-mekkaniżmi għall-integrazzjoni taż-żgħażaġh u għall-parteċipazzjoni regolari taż-żgħażaġh fit-tfassil tal-politika fil-livelli kollha, billi jippromwovu d-djalogu formali u informali bejn iż-żgħażaġh u daww li jieħdu d-deċiżjonijiet, billi jużaw il-valutazzjonijiet tal-impatt fuq iż-żgħażaġh, il-verifiki taż-żgħażaġh u miżuri oħra rilevanti, u billi jkomplu jiżviluppaw mekkaniżmi formalizzati għall-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh, fosthom miżuri oħra flessibbli, sabiex iħeġġu aktar żgħażaġh jinvolvu ruħhom fil-ħajja ċivika u t-tfassil tal-politika, fejn xieraq.
32. Jiżviluppaw u jappoġġaw azzjonijiet ta' litteriżmu diġitali, jekk xieraq imfassla flimkien ma' partijiet ikkonċernati miż-żgħażaġh, u immirati lejn iż-żgħażaġh u daww li jaħdmu magħhom u li fost affarijiet oħra jiffukaw fuq il-litteriżmu fil-media, iċ-ċibersigurtà, il-litteriżmu fl-IA u l-użu etiku tal-IA.

---

<sup>15</sup> Moxon D., Bárta O. (2025). EUYD11 Results of the Consultation Phase: Connecting the EU with Youth. DOI: 10.5281/zenodo.16911319.

33. Ikompli jappoġġaw u jużaw il-programmi u l-istrumenti l-oħra Ewropej disponibbli bħala għodda għall-promozzjoni tal-edukazzjoni ċivika, it-tisħiħ tal-ħidma fost iż-żgħażaġh u t-tagħlim mhux formali, il-promozzjoni tal-valuri tal-UE, l-appoġġ għall-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh u tal-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh fil-ħajja demokratika u l-iżvilupp tar-reżiljenza diġitali u tal-istat ta' tħejjija taż-żgħażaġh.
34. Jiffaċilitaw u jikkontribwixxu għall-iskambju tal-aħjar prattiki u esperjenzi, kif xieraq, b'mod partikulari fir-rigward ta' kif iż-żgħażaġh jistgħu jkunu involuti fil-konsultazzjonijiet tal-EUYD, bl-għan ewlieni li jilħqu firxa usa' u aktar varjata ta' żgħażaġh.
35. Jesploraw, jekk ikun possibbli u rilevanti fil-kuntest nazzjonali, perkorsi ta' segwitu u progress għar-rakkomandazzjonijiet mill-11-il ċiklu tal-EUYD, kif jinsab fl-Anness 1 ta' dan id-dokument.

#### JISTIEDNU LILL-KUMMISSJONI, F'KONFORMITÀ MAL-PRINĊIPJU TAS-SUSSIDJARJETÀ:

36. Tqis l-eżiti tal-11-il ċiklu tal-EUYD fejn ir-riżultati tal-konsultazzjonijiet<sup>16</sup> indikaw li, fil-fehma taż-żgħażaġh, is-sens ta' appartenenza għall-UE u l-fiduċja fiha, kif ukoll l-appoġġ għall-valuri komuni tal-UE, jistgħu jinbnew billi:
  - i) tkompli tissaħħaħ it-trasparenza fit-teħid tad-deċiżjonijiet fl-UE u jintwerew ir-rilevanza u l-impatt tal-istituzzjonijiet tal-UE fuq il-ħajja ta' kuljum taż-żgħażaġh;
  - ii) jiġu promossi kampanji ta' komunikazzjoni mill-istituzzjonijiet tal-UE biex irawmu l-valuri tal-UE u jsaħħu l-aċċess taż-żgħażaġh għall-informazzjoni dwar it-teħid tad-deċiżjonijiet.

---

<sup>16</sup> Moxon D., Bárta O. (2025). EUYD11 Results of the Consultation Phase: Connecting the EU with Youth. DOI: 10.5281/zenodo.16911319.

37. Tidentifika modi kif tissimplifika l-aċċess għall-finanzjament mill-UE permezz ta' programmi attwali tal-UE, inkluż il-proċessi tal-applikazzjoni u tar-rappurtar, għall-proġetti li jappoġġaw kwistjonijiet marbuta maż-żgħażaġħ, fosthom ir-reżiljenza taż-żgħażaġħ, il-parteċipazzjoni ċivika, u l-involviment demokratiku.
  38. Tibqa' tappoġġa u tkompli ssaħħaħ l-EUYD permezz ta' mekkaniżmi trasparenti ta' segwitu bħal-linji gwida pjanati dwar il-monitoraġġ u s-segwitu, billi jżidu l-viżibbiltà tiegħu u s-sensibilizzazzjoni u billi jkomplu l-isforzi ta' appoġġ għal kontinwità bejn iċ-ċikli fl-EUYD bħall-proċess ta' integrazzjoni għat-Triju ta' Presidenzi li jmiss.
  39. Tkompli ssaħħaħ l-effettività tal-inizjattivi tal-Kummissjoni li jipprovdu opportunitajiet importanti biex l-ilħna taż-żgħażaġħ jinstemgħu fit-teħid tad-deċiżjonijiet fil-livell tal-UE billi tipromwovi sinerġiji, koerenza u allinjament aktar b'saħħithom bejniethom.
-

RAKKOMANDEZZJONIJIET KONĠUNTI  
TAL-ĦDAX-IL ĊIKLU  
TAD-DJALOGU TAL-UE MAŻ-ŻĠHAŻAĠH "IL-KOLLEGAMENT TAL-UE MAŻ-  
ŻĠHAŻAĠH"

L-ideat u l-opinjoni jiet li ż-żġhażagħ qasmu fil-Konferenzi tal-UE dwar iż-Żġhażagħ f'Marzu 2025 f'Lublin, f'Settembru 2025 f'Copenhagen u f'Marzu 2026 f'Nicosia kienu ffukati fuq l-Għan Ewropew dwar iż-Żġhażagħ Nru #1 "Il-kollegament tal-UE maż-żġhażagħ". Ir-rakkomandazzjoni jiet jirriflettu l-proċess li nbeda mill-Presidenza Pollakka, tkompla mill-Presidenza Daniża, u ntemm mill-Presidenza Ċiprijotta.

Il-Konferenza tal-UE dwar iż-Żġhażagħ li saret f'Lublin mit-2 sal-5 ta' Marzu 2025 enfasizzat il-ħtieġa li l-EUYD jissaħħaħ billi jiġi żgurat l-involviment sinifikattiv taż-żġhażagħ fl-istadji kollha tat-teħid tad-deċiżjoni jiet. Permezz ta' workshops dwar l-involviment taż-żġhażagħ, il-valuri Ewropej, l-edukazzjoni ċivika, is-sikurezza diġitali, u l-parteciġazzjoni fit-teħid tad-deċiżjoni jiet, il-parteciġanti qasmu esperjenzi, identifika w ostakli għall-involviment taż-żġhażagħ, u fformulaw rakkomandazzjoni jiet biex isaħħu l-influwenza taż-żġhażagħ fil-politika tal-EU. Il-Konferenza indirizzat ukoll l-importanza li jitra w wem sens ta' komunità fost iż-żġhażagħ Ewropej, li jiġu indirizzati l-isfidi tad-defiċit demokratiku u tat-trasparenza fl-istituzzjoni jiet tal-UE, u li tinbena mill-ġdid il-fiducia fl-Unjoni. Fl-aħħar nett, issottolinjat il-ħtieġa li jiġu promossi l-valuri fil-qalba tal-UE – fosthom id-demokrazija, is-solidarjeta, u d-drittijiet tal-bniedem – u li dawn il-prinċipji jiġu integrati b'aktar effikaċja fl-inizjattivi għall-involviment taż-żġhażagħ.

Il-konklużjonijiet ewlenin tal-Konferenza, li huma rilevanti għall-11-il ċiklu tal-EUYD fl-intier tiegħu, jinkludu rakkomandazzjonijiet għat-tisħiħ tar-rabta bejn l-UE u ż-żgħażaġh, ir-restawr tal-fiduċja fl-istituzzjonijiet demokratiċi, it-trawwim tar-reżiljenza, u l-promozzjoni tal-kontribut taż-żgħażaġh għall-konsolidazzjoni tal-paċi. Il-Konferenza ssottolinjat il-ħtieġa għal involviment imsaħħaħ taż-żgħażaġh, trasparenza fil-proċessi leġiżlattivi, u l-kunsiderazzjoni attiva tal-ilħna taż-żgħażaġh, filwaqt li enfasizzat il-proposta li tintgħażel Sena Ewropea tar-Reżiljenza biex jiġu indirizzati l-isfidi tas-sigurtà, il-polarizzazzjoni soċjali u kriżijiet futuri.

Speċifikament, il-konklużjonijiet ewlenin tal-Konferenza ta' Lublin, li kienu temi rilevanti tul il-11-il ċiklu kollu, kienu li:

1. Iż-żgħażaġh saħqu fuq il-ħtieġa li ż-żgħażaġh jittamaw aktar ffutur demokratiku u sikur billi tiżdied il-fiduċja tagħhom fl-istituzzjonijiet demokratiċi fil-livelli kollha, u jiżdiedu wkoll ir-reżiljenza tagħhom u l-kontribut li jagħtu għall-konsolidazzjoni tal-paċi, biex jiġu evitati d-demotivazzjoni, id-diżimpenn u l-aljenazzjoni mill-politika. Dan jista' jinkiseb billi:
  - Tiġi ddikjarata Sena Ewropea tar-Reżiljenza u jiżdied il-finanzjament tal-UE fit-tul u faċilment aċċessibbli għall-proġetti dwar ir-reżiljenza taż-żgħażaġh u għat-tħejjija għall-kriżijiet;
  - Jissaħħaħ l-involviment taż-żgħażaġh fit-teħid tad-deċiżjonijiet permezz ta' miżuri bħal inizjattivi ta' Ċittadinanza Ewropea mmexxija miż-żgħażaġh, il-verifiki taż-żgħażaġh fil-livell nazzjonali u Ewropew u l-EUYD. Dawn għandhom jinkorporaw proċessi trasparenti li jsegwu l-implimentazzjoni tal-proposti politiċi, kif ukoll sħubijiet ma' organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh dwar il-komunikazzjoni u l-ħidma biex tintlaħaq firxa varjata ta' żgħażaġh u jagħmluha aktar possibbli għall-mexxejja żgħażaġh li jnaqqsu d-distakk bejn iż-żgħażaġh u dawk li jfasslu l-politika tal-UE;
  - Jiġu mħeġġa kandidati żgħażaġh fl-elezzjonijiet permezz ta' miżuri bħal kwoti, traineeships politiċi, tnaqqis fl-età tal-eliġibbiltà, u billi ż-żgħażaġh jingħataw ċans reali li jiġu eletti;

- Tiġi introdotta l-edukazzjoni ċivika bħala suġġett obbligatorju fl-edukazzjoni formali, b'kurrikulu komprensiv, imwassa u maħluq f'kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet mhux governattivi. Dan għandu jrawwem ir-responsabbiltà ċivika, jippromovi l-valuri Ewropej, is-soċjetà ċivili, il-ħsieb kritiku, il-parteċipazzjoni demokratika, u r-rwol tal-istituzzjonijiet demokratiċi.
2. Id-diżinformazzjoni u l-miżinformazzjoni jheddu l-valuri demokratiċi, inaqqsu l-fiduċja fl-istituzzjonijiet u joħolqu l-polarizzazzjoni. Dan iwassa għal xettiċiżmu, diżimpenn, u problemi ta' saħħa mentali fost iż-żgħażaġħ kif ukoll nuqqas ta' kapaċità li jagħmlu għażliet infurmati. It-tisħiħ tar-reżiljenza taż-żgħażaġħ fl-ambjent diġitali u l-protezzjoni ulterjuri tal-valuri demokratiċi li l-UE hija bbażata fuqhom, jistgħu jinkisbu billi:
- jitfasslu, flimkien maż-żgħażaġħ, oqfsa ta' tagħlim diġitali (formali, mhux formali, informali) f'oqfsa bħall-fehim tal-algoritmi, il-litteriżmu medjatiku, iċ-ċibersigurtà, il-verifika tal-fatti, l-impronti diġitali, il-ġestjoni tal-informazzjoni, il-ħsieb kritiku, il-media etika u l-użu tal-IA;
  - jiġu implimentati proċessi trasparenti ta' verifika u ta' rfiġħ tar-responsabbiltà għall-media soċjali, bħat-tikkettar tal-kwalità tal-media biex tiġi mħeġġa mġiba diġitali responsabbli;
  - jiġu appoġġati n-negozji anke dawk ġodda mmexxija miż-żgħażaġħ fil-qasam tal-media soċjali u l-IA.

Fil-Konferenza tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ li saret f'Copenhagen bejn il-21 u t-23 ta' Settembru 2025, iż-żgħażaġh ingħataw leħen fit-tfassil tal-politika tal-UE fir-rigward tal-programm Erasmus+ 2028-2034 billi ħadu sehem fi gruppi ta' ħidma biex joħolqu rakkomandazzjonijiet, u sussegwentement ivvutaw dwar ir-rakkomandazzjonijiet finali kif ukoll iddiskutewhom ma' dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fl-livell għoli. B'riżultat ta' dan, il-proċess kif ukoll il-konklużjonijiet tal-Konferenza kienu rilevanti għall-11-il ċiklu kollu peress li pprovdew liż-żgħażaġh bl-opportunità li jinvolvu ruħhom fi djalogu dirett ma' dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fl-UE rigward negozjati politiċi li għaddejjin fl-UE, u b'hekk ikkollegaw lill-UE maż-żgħażaġh. It-tmien rakkomandazzjonijiet li saru kienu:

- Li jiġi ssalvagwardat kapitolu ddedikat għaż-żgħażaġh f'Erasmus+ 2028-2034, b'allokazzjoni ta' 15 % tal-baġit;
- Li l-għotjiet ta' Erasmus+ 2028-2034 jitqassmu qabel il-bidu tal-mobbiltà;
- Li jkun żgurat spazju ddedikat għall-volontarjat u s-solidarjetà taż-żgħażaġh;
- Li Erasmus+ 2028-2034 jintuża biex jiġu indirizzati l-isfidi esterni li jħabbtu wiċċhom magħhom iż-żgħażaġh fosthom dawk marbuta mad-diżinformazzjoni u l-instabbiltà globali;
- Li jinħoloq fluss ta' finanzjament iddedikat għal Erasmus+ 2028-2034 għall-ħiliet personali u l-ħiliet marbuta maċ-ċittadinanza;
- Li l-proċess ta' applikazzjoni u rapportar għall-opportunitajiet ta' Erasmus+ 2028-2034 jiġi ssimplifikat;
- Li jiġu promossi stat ta' tħejjija, reżiljenza u konsolidazzjoni tal-paċi permezz ta' Erasmus+ 2028-2034;
- Li Erasmus+ Żgħażaġħ jiġi introdott bħala taqsima distinta f'Erasmus+ 2028-2034.

Fil-Konferenza tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ organizzata mill-Presidenza Ċiprijotta, li saret f'format virtwali mit-18 sal-20 ta' Marzu 2026, iż-żgħażaġh iffukaw fuq l-esplorazzjoni ta' modi kif il-politiki fil-livell nazzjonali u tal-UE jsiru aktar adatti għaż-żgħażaġh.

Diversi rakkomandazzjonijiet iffukaw fuq kif it-tfassil tal-politika tal-UE jista' jsir aktar iċċentrat fuq iż-żgħażaġh, trasparenti u reattiv. Dawn jinkludu standards vinkolanti ta' parteċipazzjoni għall-politiki adatti għaż-żgħażaġh, l-integrazzjoni ta' suġġetti marbuta maż-żgħażaġh u l-Għanijiet Ewropej dwar iż-Żgħażaġħ, u l-istabbiliment ta' sistemi ta' feedback diġitali u istituzzjonali mal-UE kollha, filwaqt li tiġi żgurata komunikazzjoni maż-żgħażaġh li tkun ta' appoġġ akbar, aktar inklużiva u aktar aċċessibbli kemm fil-formati diġitali kif ukoll f'dawk offline. Il-Konferenza appellat ukoll għal miżuri speċifiċi soċjali u edukattivi, fosthom aktar appoġġ għall-akkomodazzjoni u sinerġiji aqwa bejn it-tagħlim mhux formali u l-kuntesti ta' tagħlim formali.

It-tmien rakkomandazzjonijiet li saru kienu:

- Li jitħares l-aċċess taż-żgħażaġh għall-akkomodazzjoni. Il-Kummissjoni Ewropea għandha toħloq inizjattiva ta' Lista ta' Bliet Iffullati biex tnaqqas il-pessjoni tal-akkomodazzjoni, u tipprovdi wkoll appoġġ aktar b'saħħtu għall-akkomodazzjoni tal-istudenti f'Erasmus+.
- Li jinħolqu standards ta' parteċipazzjoni għall-iżvilupp ta' politiki adatti għaż-żgħażaġh. Dawn għandhom jiżguraw l-inklużjoni obbligatorja u sinifikattiva taż-żgħażaġh fl-istadji kollha tal-iżvilupp tal-politika, jiddikjaraw biċ-ċar il-mandati istituzzjonali, u jippromwovu mekkaniżmi ta' feedback strutturati u trasparenti.
- Li jiġi stabbilit mekkaniżmu uniku ta' feedback aċċessibbli, inklużiv, fit-tul u diġitali fl-istituzzjonijiet kollha tal-UE biex jiżgura monitoraġġ kontinwu tar-rakkomandazzjonijiet taż-żgħażaġh li jsiru f'mekkaniżmi parteċipattivi, komunikazzjoni trasparenti tar-riżultati, u involviment attiv taż-żgħażaġh fl-evalwazzjoni.

- Sabiex it-temi marbuta maż-żgħażaġh jiġu integrati fid-Direttorati u l-oqsma kollha ta' politika, il-Kummissjoni Ewropea għandha tuża aħjar l-għodod eżistenti bħad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ u l-Għanijiet tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ.
- Li jiġu adottati strateġiji ta' komunikazzjoni li jkunu ta' appoġġ u inklużivi dwar it-tfassil tal-politika fil-livelli nazzjonali u dak Ewropew, filwaqt li jkun żgurat li informazzjoni adattata għaż-żgħażaġh tkun disponibbli kemm f'formati diġitali kif ukoll f'formati mhux diġitali aċċessibbli għal kulħadd.
- Li t-tagħlim mhux formali jkun appoġġat f'ambjenti tal-edukazzjoni formali f'Erasmus+, billi jinħoloq finanzjament allokat u tiġi awtorizzata l-kollaborazzjoni bejn l-istituzzjonijiet edukattivi u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.
- Biex ikun hemm segwitu għar-rakkomandazzjonijiet tal-Konferenza tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ, l-istituzzjonijiet tal-UE għandhom jistabbilixxu sistema ta' feedback li tiddekrivi l-azzjoni meħuda mill-istituzzjonijiet tal-UE b'rispons għal dawn ir-rakkomandazzjonijiet, waqt li jiġi żgurat li tintrefa' r-responsabbiltà fir-rigward taż-żgħażaġh.
- Li jiġi allokat baġit iddedikat f'Erasmus+ għall-mikroproġetti b'impatt pożittiv fuq il-komunitajiet lokali mmexxija minn organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh fuq skala żgħira jew gruppi informali ta' żgħażaġh. Dan għandu juża mekkaniżmu b'rata fissa bi proċeduri ta' applikazzjoni sempliċi.

Ir-rakkomandazzjonijiet ma jimponu l-ebda rekwiżit formali fir-rigward tal-politiki dwar iż-żgħażaġh fil-livelli rilevanti. Madankollu, jistgħu jservu ta' ispirazzjoni għall-Istati Membri u l-istituzzjonijiet Ewropej.